MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Numru. 43/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIA STELLA ATTARD**

**KONTRA**

**CHRISTOPHER MICALLEF ta' 29 sena, iben Anthony u Mary nee' Cutajar, imwieled Tal-Pieta' nhar il-21.09.1980, residenti fil-fond 169, Mayanne, Stiefnu Zerafa Street, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 453 780M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CHRISTOPHER MICALLEF** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' Ottubru, 2001, ghall-habta ta' 4.30pm, f'Hal-Far limiti ta' Birzebbuga, volontarjament hassar, ghamel hsara, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli fuq vettura proprjeta' ta' Siglio Livori liema hsara tammonta ghal iktar minn Lm50.00;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura b'mod negligenti u bi speed eccessiv;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Siglio Livori skond kif iccertifika t-tabib gewwa l-Paola Health Centre;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex jingurja jew idejjaq jew jaghmel hsara lill-istess persuna jew lil haddiehor, kif ukoll kiser il-bon ordni jew paci pubblika b'ghajjat u glied;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Siglio Livori u/jew ghal haddiehor kif ukoll qal kliem oxen fil-pubbliku.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Rat li moghti l-kunsens mill-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni ghall-istess.

Ikkunsidrat:

Illi diversi xhieda telghu jixhdu dwar id-dinamika ta' l-incident, basikament bhal ma jigri f'kawzi ta' dan l-indolu, il-hbieb ta' l-imputat u l-parte leza gibdu l-habel li jaqblilhom. Li qablu fuqu hu li Livori u Micallef kellhom xi jghidu fuq tfajla Sabrina li kienet fil-kumpanija ta' Micallef u li suppost lejha Livori ndirizza xi kliem zejjed. Minn naha

l-ohra Livori u shabu kienu neganti ta’ dan ghajr ghall-fatt illi Livori ghajjat lil din it-tfajla biss ghax kienet tigi l-kugina tat-tfajla tieghu, Sabrina ohra, li kienet fil-karozza mieghu.

Ghalhekk din il-Qorti harset lejn dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu. Hawn huwa rrakkonta li kien Livori li beda jkellem fil-vojt lit-tfajla tieghu u li hu (l-imputat) ghalhekk tista’ tghid li mar ghas-sodisfazzjon, cioe’ resaq lejn il-vettura li kien fiha Livori. Stqarr illi kien hawn li bdew jilletikaw, li Livori refa’ idejh fuqu, u anke carratlu l-qmis. Qal illi ferrquhom in-nies, ghalhekk hu mar fil-karozza tieghu, startjaha, pero meta gew biex isuqu Livori ma cedilux, lanqas ma ceda hu u konsegwentement habtu. Hawn regghu gew fl-idejn. Qal ukoll fl-istqarrija li la hu ma saq ghal fuq Livori u lanqas dan ma saq ghal fuqu, biss ma cedewx lil xulxin. Ammetta li hu lil Livori b’idejh biss tah (folio 64).

Aktar tard fil-mori tal-kawza, Siglio Livori rega’ tela’ jixhed fejn qal illi f’dan l-istadju tal-proceduri hu kien irranga kollox ma’ l-imputat u li ma ried xejn aktar minghandu.

Din il-Qorti ghalhekk qieghda tqis dan bhala rinunzja ghall-akkuzi hekk rinunzjabbli.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi dedotti huma kollha ta’ natura volontarja. Certament l-istess Micallef ammetta fl-istqarrija tieghu li l-hsara minnu maghmula fuq il-vettura ta’ Livori ghamilha ghax hadd minnhom ma ceda, certament ma jirirzulta xejn li mhux volontarju f’dan ir-rigward. Kienet b’ghazla tieghu li Micallef ikkaguna d-danni fuq il-vettura ta’ Livori, kien b’ghazla wkoll tieghu li beda jaghtieh b’idejh, li saq u ma cediex. Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ta’ l-akkuzi kif dedotti u dan wara li rat l-Artikoli 325, 338, u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset ukoll li l-akkuza taht l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija rinunzjata ghalhekk f’dan il-konfront tiddikkjara l-procedimenet bhala wiehed ezawrit;

Dwar il-piena rat ukoll ir-rinunzja ta’ Siglio Livori, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqis li m’ghandux ibaghti piena karcerarja effettiva, u tikkundannah ghal sitt (6) xhur habs sospizi ghal sena (1) ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tikkundannah ukoll ghal 3 xhur skwalifika mill-licenzja tas-sewqan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------